A.L. 149 ta' l-1993

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1993 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 9)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1993 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 9).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-18 ta' Ottubru, 1993.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern tax-Xagħra, Għawdex, limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' madwar 206 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, Lvant ma' triq pubblika li jisimha Triq Aris, u Punent ma' Koronato Mercieca u oħrajn, u tidher delineata bl-aħdar fuq L.D. 73/91/A.

(2) Flat numru 2, Blokk B, Triq il-Ganfra, Mġarr, Malta (Tenement No. 70130).

(3) Flat numru 4, Blokk B, Fuq Tal-Blat, Qormi (Tenement No. 69821).

(4) Flat numru 5, Blokk VIII, Misraħ Monsinjur P.P. Psaila, Ta' l-Istabar, Qormi (Tenement No. 64216).

(5) Maisonette bin-numru 2A, Blokk A (Djar), Ta' Pascarella, Mdina Road, Qormi (Tenement No. 70409).

(6) Flat numru 1, Blokk D, Bieb 5, Għajn Kajjet, Rabat, Malta (Tenement No. 67281).

(7) Maisonette bin-numru 5, Blokk 1, Għeriexem Street, Rabat, Malta (Tenement No. 63828).

(8) Id-dar bin-numru 23, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi (Tenement No. 71218).

(9) Flat numru 2, Blokk T, Triq Katerina Vitale, Santa Luċija, Malta (Tenement No. 72077).

(10) Id-dar bin-numru 9, Triq il-Pensjeri (kantuniera ma' Triq il-Peprin), Santa Luċija, Malta (Tenement No. 66942).

(11) Flat numru 3, Blokk B2, Triq Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar (Tenement No. 72937).

(12) Flat numru 1 f'numru 60, Misraħ Indipendenza, Valletta, li hu wkoll aċċessibbli minn numru 46 Triq Marsamxett, Valletta (Tenement No. 60277A).

(13) Maisonette bin-numru 84, Triq Merkanti, Valletta (Tenement No. 60295).

(14) Flat numru 8, Blokk G, Triq il-Luq, Żabbar (Tenement No. 69417).